## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## Dr. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 TA' LULJU 2002

**Avviz Nru 284/02 - DM**

**Carmela sive Charmaine Chetcuti f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom tad-ditta Rocha Trading**

**vs**

**Is-Socjeta' I.C.T.S. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici fil-kwalitajiet taghha talbet il-kundanna tal-konvenuti sabiex dawna jhallsu s-somma ta' erba' telef

tlieta u disghin lira Maltin u erba' w erbghin centezmi (Lm4093.44) rapprezentanti l-bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta ghall-prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata mill-attrici proprio et nomine u illi ghalkemm interpellata sabiex thallas din is-somma ta' erba' telef tlieta w disghin lira Maltin w erba' w erbghin centezmi (Lm4093.44), permezz ta' ittra bonarja tal-1 ta' Marzu 2002, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez komprisi dawk tal-ittra bonarja tal-1 ta' Marzu, 2002, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorja tal-15 t'April, 2002, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data ta' l-invoices relattivi kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux la biex jikkontestaw it-talba attrici w lanqas biex jipproducu xi provi in kontestazzjoni ghal din l-istess talba.

Ghaldaqstant wara l-Qorti semghet bil-gurament lil Carmela sive Charmaine Chetcuti u rat id-dokumenti esebiti, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lil konvenuti jhallsu lill-attrici fil-kwalita' premessa taghha s-somma mitluba ta' erba' telef tlieta w disghin lira Maltin u erba' u erbghin centezmi (Lm4093.44) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-12 t'Ottubru tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

MAGISTRAT

S. Farrugia
Dep Reg